KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Mario Calleja
Antoine Vassallo
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Baldacchino
Vince Bonello

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace
Maria Mallia

**ASSENTI**

Ħadd

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**18.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

18.02.01 Il-problemi relatati mal-iskart fi Pjazza 7 ta' Ġunju trangaw sew issa li hemm il-cameras. Baqa' biss *issues* żgħar però l-maġġoranza tal-problemi ġew solvuti.

18.02.02 Ix-xogħol fuq il-proġett tar-Roof Garden qed ikompli bix-xogħol tiegħu. Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li mar *on-site* u jidher li l-konki li kemm li jsiru huma kważi lesti. Baqa' diversi xogħolijiet fosthom kisi, toilets u diversi affarijiet oħra. Huwa qal li xogħol mixi u jidher li dan għandu jkun lejn il-bidu tas-sena d-dieħla, x'aktarx lejn ix-xahar ta' Frar.

18.02.03 Ix-xogħolijiet li qed isiru minn Infrastructure Malta fi Triq San Ġorġ Preca, is-Sindku qal li fil-preżent għadha għaddejja l-korrispondenza bejn il-partijiet, għal fatt li baqa' xi xogħolijiet però jidher li dawn għandhom ikunu lesti fiż-żmien li ġej.

18.02.04 Saret laqgħa bejn il-kap tal-iskola ta' St Joseph, xi rappreżentanti tal-vannijiet, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Wara din il-l-laqgħa kien hemm diskussjonijiet ma' Infrastructure Malta biex isiru tabelli fit-triq biex din it-triq tingħalaq għal tletin minuta biex jiġi evitat li jkun hemm traffiku.

18.02.05 Fuq dan il-punt il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li xorta hemm xi vannijiet li qed imorru hemm kmieni, però dan kollu jidher li qed jaħdem.

18.02.06 It-tender relatat mal-iskart goff ingħata u se jkun qed jiġi iffirmat fil-jiem li ġejjin.

18.02.07 It-tender tal-*Carpark* huwa lest, se joħroġ fiż-żmien li ġej. L-unika tibdila li saret li l-miżata se tkun qed tgħola fis-sena, fejn se jibqa' kif inhu sas-sena 2026 u wara se jkun qed tiżdied fis-sena. Dan se jwassal li meta wieħed idum ġurnata sħiħa se jkun ta' €4.

18.02.08 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li rigward il-kampanja li qed tieħu ħsieb il-*marketing* relatata mal-Ħamrun. Filwaqt li saru xi filmati qosra, fil-mument kellha tieqaf il-ħidma peress li wieħed mill-partners kellu aċċident u jinsab rikoverat l-isptar.

18.02.09 Kif kien tiġa ġie diskuss, se jkun hemm xi studenti mill-iskola ta' Birkirkara li se jibdew jattendu fl-iskola tal-Ħamrun fi Triq Adelaide Ċini. Wara li saru xi tibdiliet fit-triq jidher li s'issa ma kienx hemm ilmenti. Dan it-tibdil se jibqa' għaddej sakemm jitlestew ix-xogħolijiet fl-iskola ta' Birkirkara.

18.02.10 Fi Triq Roger Debattista, Triq Oscar Zammit u Triq il-Franġiskani it-tarmak jinsab lest baqa' biss is-sinjali tat-triq. F'din it-triq kien hemm problema ma' ħanut però dan ġie mitkellem mill-pulizija. Saret diskussjoni rigward kif l-aħjar

li jsiru l-parkeġġi ħabba l-fatt li din it-triq twessat. Ġiet mitkellma l-possibilità li l-parkeġġi jkunu *fish-bone*, però nridu nkunu ċerti jekk f'partijiet minnhom dawn jistgħu jkunu ta' periklu. Din id-diskussjoni kompliet b'mod liberu.

18.02.11 It-tender tal-konvenjenza pubblika se jkun qed jitla fuq is-sistema fiż-żmien li ġej.

18.02.12 Rigward il-problema tal-lift tal-*carpark* bħalissa għaddejja ħidma biex tiġi stipulata l-ispiża, però s'issa għad m'hemmx stima tal-ispejjeż.

18.02.13 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li hemm bżonn li kulħadd jaħdem fuq id-dekasteru tiegħu. Importanti li jibdew jiġu żviluppati xi ideat għal xi attivitajiet.

18.02.14 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li l-proġett taż-żona ta' Atoċja se jkun qed isir però qed nistennew il-*clearance* mingħand Transport Malta biex jibda x-xogħol.

18.02.15 Fuq il-proġett taż-żona tar-Rabbat, kien hemm diversi laqgħat mal-kuntrattur. Il-maġġoranza tax-xogħolijiet saru però hemm xi irqaqat li jonqos biex il-proġett ikun komplut. Il-ħidma se tibqa' għaddejja biex dan jitlesta mill-aktar fis.

18.02.16 Ġie diskuss il-festival taċ-ċikkulata li għal din is-sena kellu jitmexxa ħabba li għamlet ix-xita. Dan kellu jsir il-Ħadd ta' wara minħabba l-maltemp. Sfortunatament ma setax issir l-għada għax kien hemm attivitajiet fl-istess Reġjun. Filwaqt li kien hemm xi nies li ma apprezzawx li sar il-Ħadd filgħodu, l-attività kienet ta' suċċess kbir u kien hemm attendenza ferm tajba tan-nies u li dehru li ħadu gost. Fuq dan saret diskussjoni libera, li però kien hemm qbil li l-attività kienet ta' suċċess.

18.02.17 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi semma l-punt fuq it-temi li ġew magħżula għal fatt li ta' din is-sena ma tantx kieku popolari jew magħrufa. Fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera ta' kif għandu jsir dan il-festival, fejn qed jaraw jekk hemmx l-opportunitajiet varji u miftuħa aktar għal din l-attività.

18.02.18 Fuq dan il-punt is-Sindku fakkar li huwa mportanti li nżommu f'moħħna il-biex issir din l-attività hemm budget li nridu nżommu miegħu.

## 18.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.03.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li twaħħlu xi *cctv cameras* ġodda fi Triq Brigella, fejn huwa qal li kien hemm koperazzjoni min-nies. Huwa qal li kemm xi problema bejn Triq Franġiskani u Triq Kappillan Mifsud. Is-Sindku qal li kellem biex persuni biex tiġi solvuta din il-problema.

18.03.02 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li l-kunsill se jkun qed jippubblika kalendarju A4 għas-sena 2026 b'ritratti varji tal-Ħamrun.

18.03.03 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li fi Ġnien Oreste Chircop se tkun qed tinbidel is-sistema tad-dawl li se tiġi bis-sistema solari, għalhekk il-fanali preżenti tneħħew, li se jiġu mqeda f'post ieħor. Bħalissa fil-ġnien għaddej ukoll xi xogħlijiet mill-ħaddiema tar-Reġjun.

18.03.04 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li bejn is-6,7 u 8 ta' Diċembru se jkun preżenti mal-Għaqda Immakulata Kunċizzjoni għas-servizz li se jkunu qed jagħmlu f'Carpineto Romano. S-Sindku se jkun qed jitla a spejjeż personali.

18.03.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li s-Sibt 22 ta' Novembru se jkun hawn Malta s-Sindku u rappreżentanti oħra tal-Kunsill ta' Serrone. Huma se jkunu hawn biex jiġu diskussi xi possibilitajiet ta' attivitajiet u kif ukoll biex jaraw diversi punti ta' interess fil-Ħamrun. Apparti dawn, ġew Malta ukoll librara mis-Slovenja fejn ġew iżuru l-librerija li hawn fil-Ħamrun. Dawn għandhom l-għan li jagħmlu ġurnata attivitajiet aktar tard is-sena d-dieħla li għalihom il-Kunsill mhu se joħroġ l-ebda spejjeż.

**18.04 Il-Milied**

18.04.01 Rigward il-festi tal-Milied il-Kunsill se jkun qed jorganizza festin għat-tfal li se jsir fid-29 ta' Diċembru u festin għall-anzjani li se jsir fit-22 ta' Diċembru. Bħalissa qed isir xogħol biex nara x'jista' jsir matul dawn iż-żewġ festini.

18.04.02 Fuq dawn il-Kunsillier Mario Calleja qal li kien hemm kantanta li lesta toffri s-servizzi tagħha f'attivitajiet li jtella' l-kunsill minn żmien għal żmien.

**18.05 Korrispondenza**

18.05.01 Il-Kunsill irċieva l-ittra tar-riżenja tal-Kunsilliera is-Sa Carmen Borg, li rriżenjat minħabba raġunijiet personali. Is-Sindku irringrazzja lis-Sa Borg tas-servizz kbir li hija tat lill-Kunsill Lokali Ħamrun.

18.05.02 Ir-Reġjun ta' nofsinhar informa lill-Kunsill li wieħed mill-kunċerti tan-National Christmas Concert li se jkun qed isir fil-Knisja ta' San Gejtanu, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru.

18.05.03 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li se jkun qed isir get together għall-festi tal-Milied nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru fin-12.30pm.

**18.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.06.01 Il-Kunsillier Vince Bonello saqsa rigward l-*istreet lightings*. Fuq dan is-Sindku qal li se jkun hemm arranġamen mal-Enemalta fejn se jkun hemm bidla għal LED fid-dawl kollu.

18.06.02 Il-Kunsillier Antoine Vassallo informa lill-kunsill li se jkun qed jattendi kors.

18.06.03 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li fi Triq Qormi fejn numru 55 qed ikun hemm xi vetturi li qed jitilgħu fuq il-bankina biex iħottu. Huwa staqsa jekk hux possibbli li ssir bollard.

18.06.04 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino qalet li qed tiġi pjatana ħarġa għall-anzjani fejn fiha jmorru fil-Palazz tal-Inkwiżitur.

18.06.05 Il-Kunsillier Mario Calleja ġibed l-attenzjoni li hemm xi dwal tal-Milied li qed jinxtelu filgħodu. Fuq nota oħra l-istess kunsillier faħħar l-inizjattiva tat-tilqim tal-influwenza.

**18.07 Skemi**

18.07.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-kunsill se jkun qed japplika għal xi skemi fosthom, mobility scheme, LESA u Community scheme ta' Vops.

18.07.02 Rigward l-iskema tal-Immobility Scheme din se tkun qed titratta li triq prinċipali tkun pedonali għal waqt attivitajiet varji fosthom Ċiki Ċiki Ċu.

18.07.03 Is-Sindku qal li għall-iskema tal-Community Scheme ta' Vops hija x-xewqa tiegħu li jkun hemm screen kbir fi Pjazza San Pawl li jkun hemm b'mod permanenti. Il-ħsieb hu li meta jkun hemm attività bħal tintwera xi logħba mportanti, xi films, xi festivals, films u iżjed. Probabbilment jrid ikollok permezz mill-PA, pero dak naraw il quddiem. Saret diskussjoni libera dwar dan il-punt.

18.07.04 Il-Kunsill se jkun qed japplika għall-iskema maħruġa mill-LESA biex biha jkun hawn aktar sigurtà fil-Ħamrun. B'din l-iskema l-kunsill se jkun qed jipproponi li jsiru ammont konsiderevoli ta' cameras ta' kwalità għolja biex grazzi għalihom jitnaqqsu l-abbużi li jista' jkun hawn fit-toroq tagħna. B'dawn il-fondi ukoll l-kunsill ħaseb li jagħmel kampanja ta' għarfien fuq dawn il-kameras u anke informazzjoni varja ta' kif wieħed iżomm lilu nnifsu sigur.

18.07.04 Is-Sindku qal li hemm diversi skemi li l-kunsill jista' japplika għalihom, għalhekk jkun tajjeb li jkun hemm xi ideat minn naħa tal-membri tal-kunsill fuq dan.

18.07.05 Fuq dan il-punt il-Kunsillier Mario Calleja qal jekk hux possibbli li fi Ġnien Salvinu Spiteri jkun hemm il-passaġġ li jsir biċ-ċangaturi.

**18.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

18.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 09.2025 ġiet approvata mill-Kunsillier Vince Bonello u issekondata mill-Kunsilliera Maria Mallia .

**18.09** **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv